Stqarrija għall-istampa mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE)

Il-Konferenza tal-NCPE: Il-Paga Ugwali għal Xogħol ta' Valur Ugwali bejn in-Nisa u l-Irġiel

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE) organizzat Konferenza fl-okkażjoni tal-Jum Ewropew għall-Pagi Ndaqs, fid-dawl tal-iżviluppi reċenti relatati mad-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi, li ġiet trasposta fil-liġi Maltija permezz tal-Avviż Legali 173 tal-2026.

Fid-diskors tagħha, il-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili, l-Onor. Rosianne Cutajar, saħqet li l-Jum Ewropew għall-Paga Ndaqs ifakkarna fl-importanza tal-prinċipju ta' 'paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali', li jibqa' prijorità ewlenija. Minkejja li f'Malta d-differenza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel hija ta' 4.9%, u għaldaqstant inqas mill-medja tal-UE ta' 11.1%, għad hemm diskrepanzi f'ċerti setturi. L-Onor. Cutajar saħqet dwar l-importanza ta' aktar trasparenza fil-pagi bħala għodda ewlenija biex jiġu indirizzati dawn l-inugwaljanzi, u rreferiet għat-traspożizzjoni bikrija, f'Ġunju ta' din is-sena, tad-Direttiva tal-UE dwar it-Trasparenza fil-Pagi fil-liġi Maltija. L-Onor. Cutajar semmiet ukoll inizjattivi li jippromwovu l-indipendenza ekonomika tan-nisa li kkontribwew għal parteċipazzjoni akbar tan-nisa fis-suq tax-xogħol.

L-Onor. Graziella Attard Previ, Shadow Minister għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili, saħqet li paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali mhijiex biss prinċipju legali, iżda dritt fundamentali li għandu jkun iggarantit lill-ħaddiema kollha. Filwaqt li rrikonoxxiet il-progress li sar bit-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar it-Trasparenza fil-Pagi fil-liġi Maltija, l-Onor. Attard Previ semmiet l-isfidi persistenti fl-opportunitajiet indaqs, fl-avvanz fil-karriera, u r-rappreżentanza tan-nisa f'pożizzjonijiet tat-tmexxija. L-Onor. Attard Previ appellat għal impenn akbar mill-istituzzjonijiet, minn min iħaddem, u mis-soċjetà biex l-ugwaljanza tkun tassew realtà fil-ħajja ta' kuljum.

Il-Kummissarju tal-NCPE, is-Sa Renee Laiviera, tkellmet dwar id-diversi fatturi li jwasslu għad-differenza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel. Dawn jinkludu s-segregazzjoni bejn il-ġeneri fl-

edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol, l-inugwaljanzi fit-tqassim tar-responsabbiltajiet ta' kura, in-nuqqas ta' rappreżentanza tan-nisa f'pożizzjonijiet tat-tmexxija, kif ukoll id-diskriminazzjoni fil-pagi. Is-Sa Laiviera spjegat ukoll il-ħidma kontinwa tal-NCPE biex tippromwovi paga ugwali bejn in-nisa u l-irġiel, u saħqet li t-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar it-Trasparenza fil-Pagi hija pass importanti lejn aktar trasparenza fil-pagi u ugwaljanza bejn il-ġeneri. Taħt il-qafas il-ġdid, l-NCPE ngħatat responsabbiltajiet speċifiċi, fosthom li tassisti lill-impjegati biex jiksbu informazzjoni dwar il-pagi.

Prof. Anna Borg miċ-Ċentru għall-Istudji dwar ix-Xogħol fl-Università ta' Malta spjegat li, minkejja li l-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali huwa fil-biċċa l-kbira stabbilit fil-liġi, għad hemm sfidi biex ix-xogħol li tradizzjonalment isir min-nisa jingħata l-valur li jistħoqqlu. Hija rrimarkat li l-istrutturi tal-pagi u tal-gradi mhux dejjem jirrikonoxxu bis-sħiħ il-ħiliet, l-isforz, ir-responsabbiltà u d-domandi emozzjonali assoċjati ma' impjiegi dominati min-nisa, bħall-kura. Prof. Borg laqgħet ukoll id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar it-trasparenza fil-pagi bħala pass importanti biex jiġu identifikati l-inugwaljanzi fil-pagi. Madankollu, saħqet li t-trasparenza għandha tkun akkumpanjata minn miżuri oħra, fosthom in-negozjar kollettiv, reviżjonijiet tal-pagi fis-settur pubbliku u l-investiment fil-qasam tal-kura.

Dr André Callus, Maniġer fl-NCPE (Politika u Taħriġ) ta ħarsa ġenerali lejn id-dispożizzjonijiet tal-Avviż Legali u l-irwol tal-NCPE fi ħdan il-qafas il-ġdid dwar it-trasparenza fil-pagi. Huwa ppreżenta wkoll l-Equal Pay Tool tal-NCPE, li tassisti lill-kumpaniji biex jevalwaw is-sitwazzjoni tagħhom fir-rigward tal-paga ugwali, kif ukoll l-għodda tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (l-EIGE), li tipprovdi linji gwida lill-organizzazzjonijiet dwar l-evalwazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-impjiegi.

Il-parteċipanti kellhom l-opportunità jiddiskutu numru ta' mistoqsijiet dwar il-prinċipju ta' 'paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali'. Il-punti li ħarġu minn dawn id-diskussjonijiet imbagħad ġew diskussi waqt il-panel li kien magħmul minn rappreżentanti differenti ta' partijiet ikkonċernati. Il-panel iddiskuta, fost l-oħrajn, id-distinzjoni bejn 'paga ugwali għall-istess xogħol' u 'paga ugwali għal xogħol ta' valur ugwali', kif ukoll il-mod kif il-valur tax-xogħol jista' jiġi ddeterminat fil-prattika. Ġew diskussi wkoll il-benefiċċji tad-

Direttiva tal-UE dwar it-Trasparenza fil-Pagi u r-Regolamenti dwar Paga Ugwali (Trasparenza u Rappurtar) (Avviż Legali 173 tal-2026) għal min iħaddem u għall-impjegati, għan-nisa u għall-irġiel, kif ukoll ir-rwoli rispettivi tagħhom biex tiġi żgurata paga ugwali.

Fir-rimarki tal-għeluq, is-Sa Laiviera rringrazzjat lill-parteċipanti u tenniet l-impenn tal-NCPE li tkompli taħdem sabiex il-prinċipju ta' 'paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali' jissarraf fil-prattika u biex dan isir realtà fil-ħajja ta' kuljum tal-ħaddiema nisa u rġiel.

19 ta' Novembru 2026